MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Numru 257/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Ian Joseph Abdilla]**

**vs**

**Silvio Hili**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Silvio Hili, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 3371G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja talli:

> F'Gunju 2012, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita' tieghu ta' Nutar Pubbliku, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
>
> 1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin

Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu tal-konjugi Joseph Frendo u Maria Dolores Frendo, ta' Joseph Portelli u ta' l-Ajkla Enterprises Limited, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lillu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. Fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi u kaz, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

3. Fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi u kaz, ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-28 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-8 ta' Ottubru 2012 u senjatament Artikoli 18, 138, 141, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Silvio Hili hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 gew sospizi ghal erba' (4) snin.

**3.** Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' snin mid-data tas-sentenza u wara li rat l-Artikolu 30(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-imputat milli jezercita l-professjoni ta' nutar ghal hames (5) snin mid-data tas-sentenza u ordnat wkoll l-interdizzjoni generali u perpetwa tieghu ai termini ta' Artikolu 140 tal-istess Kapitolu 9. Ordnat li din l-interdizzjoni tigi pubblikata fil-Gazzetta

tal-Gvern u ghaldaqstant ordnat li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti ghal fini ta' tali pubblikazzjoni.

**4.** Finalment, il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**5.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvio Hili, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 2014, fejn l-appellant talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn hija sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal-perjodu ta' sentejn prigunierja li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 gew sospizi ghal-erba' (4) snin, thassarha u tirrevokaha fir-rigward tal-piena konsistenti f'sospensjoni mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu u f'interdizzjoni generali u perpetwa billi timponi, f'dana r-rigward biss, piena inqas harxa minn dik imposta fuqu mill-ewwel Onorabbli Qorti.

**6.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti u dawk prodotti quddiemha inkluż ix-xiehda ta' Dr. Anton Grech u ta' Noel Xerri; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**7.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-28 ta' Awwissu 2012 l-appellant ammetta quddiem l-ewwel Qorti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u fl-istess data rriafferma dik l-ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha. Fit-8 ta' Ottubru 2012 l-Avukat Generali baghat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati peress li deherlu li setghet tinstab htija taht l-artikoli tal-Kodici Kriminali indikati minnu. Fis-26 ta' Frar 2014 l-imputat b'riferenza ghall-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali ghal darba ohra ddidkjara li jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**8.** Uniku huwa l-aggravju tal-appellant li huwa wkoll unikament dirett lejn il-perjodu ta' ħames snin li għalih ġie sospiż milli jeżerċita l-professjoni ta' nutar kif ukoll lejn l-interdizzjoni generali u perpetwa imposta fuqu mill-ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellant fic-cirkostanzi tal-kaz ma kienx hemm lok ghall-impozizzjoni ta' interdizzjoni generali u perpetwa u anqas ghal skwalifika mill-professjoni tieghu u jhoss li l-piena ta' prigunerija sospiza kienet altru milli adegwata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fost raġunijiet oħra l-appellant isemmi t-terapija b'suċċess li rċieva, li llum ma għadx għandu bżonn ta' medikazzjoni, li ħallas kollox lill-kwerelant, li rriforma ħajtu, li kkopera fl-investigazzjonijiet, li s-sospensjoni għal ħames snin hi ekwivalenti għat-teħid forzat tal-professjoni meta jittieħed qis li huwa ġia għandu 43 sena. Jgħid li fil-konfront ta' sentenza oħra li ingħatat fil-25 ta' Marzu 2014 is-sospensjoni kienet għall-perjodu ta' 6 xhur fuq tlett imputazzjonijet ta' approprjazzjoni indebita mentri fil-każ tal-lum hemm biss imputazzjoni waħda ta' approprjazzjoni indebita.

**9.** Kif ġie ripetutament ritenut, din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**10.** Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz u jkollha tistqarr li dawn iħassbu bis-sħiħ lil din il-Qorti u jkun ferm żbaljat min jipprova jimminimizza l-gravità tal-każ. Hawn si tratta ta' uffiċjal pubbliku li kemm l-Istat kif ukoll iċ-ċittadin ordinarju neċessarjament jinvestu fih l-ogħla fiduċja u jagħtuh l-akbar affidament li ser jimxi magħhom b'korrettezza u mingħajr ma jqarraq bl-interessi tagħhom. Minflok, l-imputat f'din l-okkazzjoni ddefrawda s-somma ta' 'l fuq minn elfejn u tlett

mitt euro u, kif jirriżulta mil-preċedenti tiegħu, l-appellant f'aktar minn okkażżjoni waħda ttradixxa l-fiduċja tal-iStat u taċ-ċittadin u ddefrawdhom eluf kbar ta' euro.

**11.** In mitigazzjoni r-rikorrent jinvoka l-fatt li huwa għamel tajjeb għall-ħsara li huwa għamel billi rrimborża l-ammont kollu li huwa kien akkwista b'qerq, u dan ċertament irid jittieħed kont tiegħu favurih. B'dankollu l-ewwel Qorti, u l-Qrati fil-każijiet preċedenti kontra r-rikorrent, ġia ċertament ħadu din iċ-ċirkustanza f'kunsiderazzjoni meta f'erba' sentenzi separati, inkluża dik appellata, qatt ma imponew piena karċerarja immedjata iżda dejjem ordnaw is-sospensjoni tal-piena ta' priġunerija. Għandu jiżdied li r-rifużjoni ta' dak gwadanjat illegalment ma hux suffiċjenti sabiex isewwi l-ħsara lill-fiduċja pubblika li tkun saret b'reat bħal dak ta' llum meta kommess minn uffiċjal pubbliku bħal ma hu nutar pubbliku.

**12.** Ir-rikorrent jinvoka wkoll il-fatt li fiż-żmien relevanti huwa kien qabad il-vizzju tad-droga u eventwalment issottometta ruħu għal terapija li jidher li ttermina b'suċċess. Hija ħaġa tajba li l-appellant jidher li rnexxielu jiġi kkurat għall-vizzju tad-droga, għalkemm kien ikun ferm aħjar li kieku qatt ma mess ma' droga. B' danakollu l-pussess u konsum ta' droga kontra l-liġi huwa evidentement reat kriminali u jkun ġuridikament kontro-sens li l-kummissjoni ta' reat kriminali jiġi invokat bħala xi ċirkostanza mitiganti għall-kummissjoni ta' reat kriminali ieħor. Inoltre jirriżulta li r-rikorrent iddeċieda li jfittex il-kura għall-ħabta tal-aħħar ta' Mejju tas-sena 2013[1], u ċioè wara li kien ġia ġie kundannat tlett darbiet għal reati ta' approprjazzjoni indebita u fil-pendenza tal-proċeduri kriminali preżenti li fihom, fid-dawl tal-kundanni preċedenti, kien kjarament qiegħed jirrinfaċċja potenzjalment piena ta' priġunerija effettiva.

[1] Depożizzjoni Noel Xerri fol. 94

**13.** L-appellant jissottometti wkoll li s-sospensjoni għal ħames snin hi ekwivalenti għat-teħid forzat tal-professjoni meta jittieħed qis li huwa ġia għandu 43 sena. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan, iżda fi kwalunkwe każ tosserva li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-liġi stess ma tqisx inapproprjata tali "teħid forzuż" tenut kont tan-nuqqasijiet serji ħafna u ta' natura kriminali tal-appellant fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Di fatti, l-possibilità tad-destituzzjoni għal reati bħal dawn kommessi minn nutar pubbliku hi wkoll speċifkatament prevista mill-liġi u għad hi possibbli[2]. F'dan l-istadju, iżda, din il-Qorti, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex is-setgħa li żżid il-piena[3].

**14.** Finalment wieħed jista' wkoll iżid li ta' min josserva li seta' kien il-każ li jiġi ipotizzat fil-konfront tar-rikorrent ir-reat previst mill-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali li għalih hemm komminata l-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa. Dan ma ġarax, u din il-Qorti għalhekk ma hix ser tipotizza x'kien ikun l-eżitu kieku dan ġara, iżda dan juri s-serjetà kbira li bih tħares il-liġi lejn reati ta' din ix-xorta.

**15.** L-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti imponiet l-interdizzjoni generali perpetwa fuq l-appellant. Huwa minnu li l-interdizzjoni generali perpetwa a tenur tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ma hix tassattiva izda fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz din il-Qorti ma tarax kif tali interdizzjoni tista' ma tigix imposta. Huwa minnu li l-ligi tfittex safejn possibbli r-riforma tal-imputat izda l-ligi ghandha wkoll id-dover li thares lill-komunità mill-ingann specjalment da parti ta' persuni li huma d-depozitarji tal-fiducja pubblika u ghalhekk specifikatament affidati bil-kompitu li jindukraw u jippromwovu dik il-fiducja billi ma jqarrqux biha.

[2] Art. 14(1)(f) u artikolu 139 tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Art. 428(7) tal-Kodiċi Kriminali

**16.** Tenut kont li din il-Qorti ma hix qed tikkunsidra, u ma tistax tikkunsidra, jekk l-appellant għandux jiġi destitwit, peress li d-destituzzjoni o meno, f'dan l-istadju, hi riservata lill-President ta' Malta[4], din il-Qorti hi msejħa tikkunsidra biss għandhiex timponi inabilitazzjoni temporanja inqas ħarxa minn dik imposta mill-ewwel Qorti kif qiegħed jitlob l-appellant.

**17.** Fid-dawl, u fil-limiti, tal-kunsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti, fil-kuntest tal-kumpless ta' ċirkostanzi li rriżultawlha, hi tal-fehma li għandha tirriduċi l-perjodu ta' inabilitazzjoni temporanja in vista tal-fatt li l-appellant jidher li issa hareg mill-perjodu ta' instabilita', kemm psikologika kif ukoll b'riżultat tal-vizzju tad-droga, li kien ghaddej minnha fiz-zmien relevanti b'mod li jidher li r-riskju ghall-komunità naqas. Il-Qorti tirribadixxi li dan mhux qiegħed isir għaliex il-konsum ta' droga jista' b'xi mod jammonta għal ċirkostanza mitiganti iżda għaliex hi tal-fehma li għandha tirrikonoxxi l-isforzi tal-appellant sabiex jikkoreġi d-direzzjoni żbaljata li ħadet ħajtu fi żmien ta' instabbilità psikoloġika li issa jirriżulta li wara assitenza medika ħareġ minnu, u mingħajr ma l-Qorti minimament tnaqqas mill-ġravità tar-reat li tiegħu ir-rikorrent instab ħati anki fid-dawl tar-reati l-oħra tal-istess xorta li tagħhom ġia nstab ħati.

-Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament billi tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn skwalifikat lill-imputat appellant milli jeżerċita l-professjoni ta' nutar għal żmien ħames (5) snin u minflok tiskwalifikah mill-eżerċizzju tal-istess professjoni għal zmien tlett (3) snin u tikkonfermha fil-bqija.

[4] Art. 139 tal-Kap. 55

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------